



# Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-527/12

**Il-Kummissjoni Ewropea**  
**vs**  
**Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Għajjnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern — Obbligu ta’ rkupru — Artikolu 108(2) TFUE — Regolament (KE) Nru 659/1999 — Artikolu 14(3) — Deċiżjoni tal-Kummissjoni — Miżuri li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-11 ta’ Settembru 2014

1. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-inkompatibbiltà ta’ għajjnuna mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha — Obbligi tal-Istati Membri — Obbligi ta’ rkupru — Portata — Stabbiliment mill-ġdid tas-sitwazzjoni preċedenti*

*(Artikolu 108(2) TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 14(1))*

2. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Irkupru ta’ għajjnuna illegali — Applikazzjoni tad-dritt nazzjonali — Kundizzjonijiet — Implementazzjoni ta’ proċedura li tiżgura eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni — Evalwazzjoni skont iċ-ċirkustanzi tal-każ*

*(Artikolu 108(2) TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 14(1))*

3. *Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Nuqqas ta’ osservanza tal-obbligu ta’ rkupru tal-għajjnuna illegali — Eċċezzjonijiet tad-difiża — Impossibbiltà assoluta ta’ eżekuzzjoni — Kriterji ta’ evalwazzjoni — Diffikultajiet ta’ eżekuzzjoni — Obbligu tal-Kummissjoni u tal-Istat Membru li jikkollaboraw fis-sejba ta’ soluzzjoni li tosserva t-Trattat*

*(Artikolu 4(3) TUE; Artikolu 108(2) TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 14(3))*

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 37,42)

2. Id-dritt tal-Unjoni ma jeħtieġ li l-irkupru ta’ għajjnuna illegali min-naħa ta’ awtorità nazzjonali kompetenti mingħand il-benefiċjarju jsir biss abbażi tad-deċiżjoni ta’ rkupru tal-Kummissjoni. F’dan ir-rigward, l-Istat Membru kkonċernat huwa liberu li jagħżel il-metodi li bihom jeżegwixxi l-obbligu tiegħu ta’ rkupru ta’ għajjnuna meqjusa inkompatibbli mas-suq intern, sakemm il-miżuri magħżula ma jipperkludux il-portata u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni.

Għalhekk, il-libertà tal-Istati Membri fir-rigward tal-għażla tal-metodi ta’ rkupru ta’ tali għajjnuna hija limitata għaliex dawn il-metodi ma jistgħux iwasslu biex ikun prattikament impossibbli l-irkupru meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni. L-applikazzjoni tal-proċeduri nazzjonali hija suġġetta għall-kundizzjoni li dawn jippermettu l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, liema kundizzjoni tirrifletti r-rekwiżiti tal-prinċipju ta’ effettività. Konsegwentement, il-kwistjoni jekk l-Istat Membru

kkonċernat, bl-għażla ta' dawn il-metodi, issodisfax l-obbligi tiegħu ta' rkupru ta' għajjnuna ddikjarata inkompatibbli mas-suq intern fir-rigward tar-rekwiżit ta' effettività għandha tiġi evalwata każ b'każ, skont iċ-ċirkustanzi konkreti tal-każ.

(ara l-punti 39-41, 43)

3. F'dak li jikkonċerna l-ġustifikazzjoni ta' dewmien kunsiderevoli fl-irkupru ta' għajjnuna illegali, l-uniku motiv ta' difiża li jista' jiġi invokat minn Stat Membru kontra rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 108(2) TFUE huwa dak ibbażat fuq impossibbiltà assoluta li jeżegwixxi d-deċiżjoni inkwistjoni. Din l-impossibbiltà assoluta tista' tkun ukoll ta' natura legali meta din tkun tirriżulta mid-deċiżjonijiet adottati mill-qrati nazzjonali sakemm dawn id-deċiżjonijiet ikunu konformi mad-dritt tal-Unjoni.

B'hekk, fil-każ li jirriżulta li r-regoli tal-liġi ċivili nazzjonali ma jippermettux li jiġi żgurat l-irkupru effettiv tal-għajjnuna kkontestata, jista' jkun neċessarju, skont iċ-ċirkustanzi tal-każ ikkunsidrat, li regola nazzjonali ma tiġix applikata u li jintużaw mezzi oħra, liema miżuri ma jistgħux jiġu esklużi għal raġunijiet relatati mas-sistema legali nazzjonali. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 4(3) TUE joħloq ukoll għall-qrati nazzjonali obbligu ta' kooperazzjoni leali mal-Kummissjoni u mal-qrati tal-Unjoni, li fil-kuntest tagħha dawn għandhom jieħdu l-miżuri kollha ġenerali jew partikolari xierqa biex jiżguraw l-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u għandhom iżommu lura milli jieħdu dawk il-miżuri li jistgħu jipperikolaw it-twettiq tal-għanijiet tat-Trattat.

Barra minn hekk, l-istħarriġ, mill-qorti nazzjonali, ta' titolu eżekuttiv maħruġ għall-irkupru ta' għajjnuna illegali u l-eventwali annullament ta' tali titolu għandhom jitqiesu bħala s-sempliċi emanazzjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva li jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

(ara l-punti 45, 48, 49, 55, 56)